**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IL-SEBA’ LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 75 – IT-TNEJN, 17 TA’ OTTUBRU 2016 FIL-5.30PM**

Il-Kunsill iltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Joan Farrugia | Kunsillier |
| Trevor Fenech | Kunsillier |
| Neville Mallia | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| Rita Saliba | Kunsillier |
| Malcolm Abdilla | Kunsillier |
| Mikhail Micallef | Kunsillier |

## 1 Approvazzjoni Minuti Numru 74

1.1 Kien hemm korrezzjoni waħda. Wara paragrafu 6.3 għandha tidħol “Għal ukoll li s-soft area fi Triq George Tayar kantuniera ma‘ Triq tal-Balal għandha tingħata wiċċ tal-concrete u jsiru gradilji tal-ħadid madwar is-siġar li hemm“. Kien hemm qbil unanimu

## 2 Punti mtella mill-Minuti 74

2.1 6.1.3 Għandha tintbagħat reminder lil TM rigward il-bus stops li hemm antiki u mkissrin.

2.2 6.1.5 Għandha tintbagħat reminder lill-Perit tal-Kunsill biex issir roundabout mountable f’Misraħ Ċentawrija

Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jkun hemm sospensjoni tal-agenda u jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sur Neville Mallia ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

## 3 Pagamenti Numru 65

3.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

## 4 Komunikazzjoni mis-Sindku

4.1 Is-Sindku għandu jattendi għal-laqgħa tas-Sindki li qed tiġi organizzata mill-Assoċazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

4.2 Ġew ippreżentati pjanti proposti għaċ-Ċentru tal-Komunità. Kien hemm qbil fuq dawn il-pjanti u għandha tiġi sottomessa l-applikazzjoni lill-PA.

## 5 Korrispondenza

.

5.1 Giet innutata talba biex isiru tliet zebra crossings fi Triq il-Mensija. Ġie innutat ukoll li din it-talba diġà ġiet ikkunsidrata fil-passat fejn anke pjanti kienu saru. Ġie deċiż li dawn ma jsirux minħabba nuqqas ta' spazju adekwat.

5.2 Kien hemm diskussjoni rigward korrispondenza li kien hemm mal-Kumpanija Shakers. Ġie deċiż li l-advertising board li hemm fi Triq il-Ġibjun għandha jew tersaq 'il fuq, jew titbaxxa jew issir minduda biex dawk li jkunu fil-bus shelter ikunu jistgħu jaraw il-karozza tal-linja ġejja. Dan għandu jiġi kkomunikat lill-Management tas-Shakers.

5.3 Kien hemm qbil li jitħallas l-ammont ta' 15-il Ewro biex l-iskola ta' San Ġwann tiehu sehem f'ECO Skola.

5.4 Kien hemm qbil li l-ikla tal-Milied issir il-Palace Hotel bil-Menu ta' 33.95 Euro. Il-Kunsill joħro 30 Ewro għal kull Kunsillier u l-istaff.

5.5 Ġie deċiż li jinxraw 15-il diary bil-logo tal-Kunsill.

5.6 Il-Kunsill innota li l-Bord tal-Arbitraġġ iddeċieda kontra l-Kunsill fil-kawża kontra Darmanin. Kien hemm qbil li ma jsirx appell u jitħallas l-ammont.

5.7 Kien hemm diskussjoni rigward il-laqgħa li saret mal-ufficjali tal-LESA. Il-Kunsill talab biex ikun hemm Eco Wardens fil-Kunsill. Il-Kunsill ġie nfurmat mill-LESA li l-policy hi li jekk Kunsill irid Eco Wardens irid iħallas hu. Il-Kunsill m'għandux allokazzjoni għall-infurzar, u għalhekk jekk il-Kunsill jaċċetta li jħallas hu għal Eco Wardens, kull ċitazzjoni li tinħareg minn dawn l-Eco Wardens imorru għall-Kunsill biex jiffinanzja l-ispiża tal-Eco Wardens. Din ma ġietx aċċettata mill-Uffiċjali tal-LESA. Għalhekk reġgħet saret talba għal-laqgħa mad-Direttur tal-LESA fuq din.

## 6 Affarjiet Oħra

6.1 Is-Sur Dominic Cassar talab biex isiru laqgħat mal-entitajiet tal-Gvern li għamlu ħsarat u li ma ġew irranġati. Kien hemm qbil li ssir komunikazzjoni lil OPM fuq dawn in-nuqqasijiet. Hu talab ukoll biex nikkunsidraw li nikru garage biex iservi ta' arkivju tal-Kunsill.

6.2 Is-Sinjura Marica Bayliss talbet biex il-Kunsill jissuġġerixxi biex issir lay by fil-bankina l-wiesa quddiem l-HSBC. Kien hemm qbil fuq din. Hi fakkret li ser ikun hemm il-Mixgħela fl-1 ta' Diċembru 2016 u l-Christmas Parade fit-18 ta' Diċembru 2016. Ġew innutati wkoll li ser ikun hemm l-ispejjeż ta' kull sena għal dawn l-attivitajiet.

6.3 Is-Sur Trevor Fenech ilmenta li f' Ta' Żwejt qed ikun hemm nies iħallu ħafna ikel għall-qtates fit-triq u dan jispiċċa jimmoffa u mimli dubbien. Għandu jsir komunikazzjoni ma' dawn il-persuni. Hu lmenta wkoll li f'ċertu toroq, il-kennies qed jikness biss naħa waħda tat-triq.

## 7 Għeluq il-Laqgħa

7.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7.30pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 7 ta' Novembru 2016 fil-5.30pm.

**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Etienne Bonello Du Puis**
**Sindku**